MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 3483/1996/1

**Alfred Micallef**

**vs**

**John Busuttil u Joseph Zahra bhala editur tal-gazzetta "In-Nazzjon"**

**Il-Qorti;**

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi fit-2 ta' Frar, 2000 li tghid hekk:
"Rat ic-citazzjoni presentata fis-16 ta` Dicembru 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fil-pagina 33

tal-harga tat-Tnejn, 28 ta` Ottubru 1996 tal-gurnal in-Nazzjon, fl-artikolu miktub mill-konvenut John Busuttil u ippublikat fl-istess gazzetta, li taghha, il-konvenut l-iehor Joseph Zahra huwa editur, l-artikolu intitolat “Se nniggiskom bl-akbar hlewwa” “Fredu wehel Lm50”, fejn l-istess artikolu gew attribwiti fatti determinati li huma foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur, u ukoll l-istess artikolu joffendi l-unur u l-fama tieghu u jesponieh ghar-ridikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku, bi hsara ghall-istess attur, kollox kif jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi ghalhekk l-attur ghandu jedd ghad-danni komtemplati fl-artikolu 28 u 29 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta` Malta; talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-artikolu fuq indikat pubblikat f`pagna 33 tal-harga tat-Tnejn, 28 t`Ottubru 1996, fil-gurnal “In-Nazzjon” fl-artikolu fuq imsemmi joffendi l-unur u l-fama tal-attur u jesponu lill-istess attur ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku, b`dannu u pregudizzju ghall-istess attur;
2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur dik is-somma li tiffissa dina l-Qorti f`ammont li ma jeccedix l-LM2,000, bhala danni ghal malafama bl-applikazzjoni ta` l-artikolu 28 u 29 tal-Ligi ta` l-Istampa (Kap 248).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-7 ta` Lulju 1997 li permezz taghha eccepixxa illi l-artikolu in kwistjoni jammonta ghall-“fair comment” bbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xhieda tal-konvenuti.

Rat il-verbal ta` l-udjenza tal-14 ta` Lulju 1997 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet

mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tad-19 ta` Novembru 1997 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi tal-partijiet u tan-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenuti.

Rat il-verbal ta` l-udjenza tad-29 ta` Ottubru 1999meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

L-attur qed jilmenta mill-kontenut ta` artikolu li deher fil-harga ta` In-Nazzjon tat-28 ta` Ottubru 1996 intestat "Fredu Wehel Lm50". Dan l-artikolu inkiteb mill-konvenut Busuttil gia membru tal-Kunsilla tal-Malta Football Association. F`dan l-artikolu hemm diversi fatt rigwardanti l-hajja professjonali ta` l-attur bhala "referee" li basikament huma veri, kif qed isostnu l-konvenuti, izda l-attur qed jghid li huwa gie malafamat inkwantu l-implikazzjonijiet maghmula mill-awtur tal-kitba bhala rizultat ta` dawn il-fatti huma ghal kollox inveritjeri u jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u huma ghalhekk malafamanti a termini tal-ligi. Il-konvenuti da parti taghhom qed isostnu li dan huwa artikolu satiriku u dak li jinsab fih jammonta ghall-"fair comment".

L-ilment principali ta` l-attur jikkoncerna dak li qed jigi allegat mill-awtur fir-rigward ta` l-avvanza fil-karriera tieghu u cioe li din kienet rizultat tal-konoxxenza tieghu tal-ex-president tal-MFA u cioe Dr George Abela inkwantu kemm l-attur u l-istess Dr George Abela huma minn Hal Qormi, u minhabba l-impatt li l-attur kellu fuq il-President tal-MFA mnhabba xi rapport li kien ghamel rigward tax-xoghol tieghu.

Issa mix-xhieda ta` Dr Abela jirrizulta, bla ebda dubju, li huwa bhala president tal-Malta Football Association ma ghandu ebda kontroll fuq il-karriera ta` referee billi dan huwa l-kompitu ta` Bord tekniku li jivvaluta l-persuni li jokkupaw di il-kariga indipendentement mill-President jew

sahansitra l-Kunsill ta` l-MFA. L-istess xhud jikkonferma b`mod kategoriku li r-rapporti maghmula mill-attur ma kellhom ebda impatt fuq promotions. Kompla x-xhud "Lahaq fuq il-mertu tieghu. Full stop! La ghax hu minn Hal Qormi, la ghax jaf lili." Dan il-fatt kellu jkun a konoxxenza ta` l-awtur tal-kitba inkwantu huwa kien jokkupa post fuq il-Kunsill tal-MFA u ghalhekk kien abbuz mill-posizzjoni tieghu f`tali kunsill li jaghmel kummenti mhux f`waqthom. Tant hu hekk li l-istess konvenut stqarr bla tlaqliq li jirrikonoxxi lill-attur bhala l-"aqwa referee" li hemm fil-present. Kienet ghalhekk ingustizzja li l-attur jigi mcappas bil-mod li inkiteb sew ma shabu kif ukoll mal-pubbliku in generali li jsegwi li sport.

Illi wiehed jistahba wara li skuza ta` satira u l-*"fair comment"* mhux gustifikabbli. Is-satira ghandha l-ghan li ggib tbissima fuq fomm dak li jkun billi, l vena umoristika, tesponi ghal pubbliku dawk in-nuqqasijiet tal-bniedem li jaghmluh dak li hu. Izda li tallega, kif sar fl-artikolu in kwistjoni, li bniedem avvanza fil-karriera tieghu minhabba certi alleanzi jew agir, ma jammontaw ghal satira izda ingurja. Il-*"fair comment"* imbaghad, li skond ma intqal korrettament fin-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenuti huwa manifestazzjoni tad-dritt ta` espressjoni, ghandu jkun proprju dak u cioe` "kumment" u mhux allegazzjonijiet dwar intenzjonijiet ulterjuri ta` dak li jkun – specjalment meta dawn ma jkunx fondati. Li tasserixxi, kif ghamlu l-konvenuti, li l-fatti huma veri, ma jnaqqas xejn mill-ingurja li tigi rekata minhabba kummenti mhux xierqa. Ghalhekk kemm `l darba dak il-kumment jesponi l-parti offiza ghad-disprezz jissustixxi l-libell.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti tilqa` t-talbiet attrici, ssib li l-artikolu fuq imsemmi huwa malfamanti fil-konfront ta` l-attur u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur, in linea ta` danni s-somma ta` mija u hamsin lira kull wiehed.

Bl-ispejjez ghall-konvenuti."

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti permezz ta' rikors datat 16 ta' Frar, 2000. Din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawza u semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2002, hija fil-posizzjoni li tghaddi ghas-sentenza.
L-appellanti ghandhom, bazikament, tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li ghalkemm l-ewwel Qorti qalet li "l-implikazzjonijiet maghmula mill-awtur tal-kitba bhala rizultat ta' dawn il-fatti huma ghal kollox inveritjeri" dik il-Qorti ma indikat, jew irriferiet ghal, ebda parti jew partijiet mill-artiklu li jikkontjenu dawn l-"implikazzjonijiet inveritjeri". Fi kliem iehor l-appellanti jikkontendu li ma hemmx dawn l-implikazzjonijiet inveritjeri. It-tieni aggravju hu fis-sens li galadarba li gew stabbiliti li l-fatti huma veri, kwalsiasi implikazzjonijiet ma jistghux ikunu inveritjeri u ingurjuzi izda huma necessarjament "fair comment" u ghalhekk mhux libelluzi. Fit-tielet lok u subordinatament jilmentaw li l-ewwel Qorti marret lil hinn minn dak stess li qed jilmenta l-attur. L-attur kien qed jilmenta mill-kelma "impatt" li tidher fl-ewwel paragrafu ta' l-artiklu; li wiehed jikkummenta li xi cirkostanza ghamlet impatt huwa kumment legittimu u mhux malafamanti, u li ghalhekk se mai r-rimedju kien id-dritt ta' risposta kontemplat fl-Artikolu 21 tal-Kap. 248.

Din il-Qorti hi tal-fehma li jkun opportun li jigi riprodott f'din is-sentenza  l-artiklu kollu inkriminat (l-enumerazzjoni tal-paragrafi hija tal-Qorti):

**Fredu wehel Lm50**

***(1) Niftakar li sirt naf bi Fredu meta fil-kunsill kien tela' jixhed dwar glieda fil-ground bejn zewg teams li skond hu ddeskriviha bhala glieda tal-'kajbows u l-indjani' u minn dak inhar mill-ewwel ghamel impatt fuq il-President Gorg ta' Hal-Qormi. Fil-fatt wara xi ftit xhur dan Fredu bl-ghajnuna tas-sinjura tieghu kien irrekordja kaz ta' ragel li pprova jixtrih (avolja f'Malta m'hawnx korruzzjoni) u rrappurtah u dan l-imsejken wehel xi xhur il-habs. Minn hawn 'il quddiem dan ir-***

***referee beda tielgha s-sellum tas-successi. Specjalment li baqa' lejali lejn is-superjuri tieghu, akkost li anke hadha kontra hutu r-referees l-ohra (skond kif jghidu l-ilsna hziena tal-kollegi tieghu referees).***

***(2) Bis-sahha ta' Debonu tat-telefon sar referee profexxinal u billi Debonu kien izomm mal-Hamrun fl-ewwel partita li rreffja lil Hamrun, Fredu ppoza ghar-ritratt mal-captain ta' Hamrun ghax anke dan kien l-ewwel profexxinal f'Malta u b'hekk Debonu kien kuntent.***

***(3) U fejn jidhlu r-ritratti Fredu surmast tafux! Tant li dan l-ahhar ippoza ghar-ritratti quddiem il-marc tal-festa, merfugh fuq l-idejn, bil-libsa ta' referee tal-FIFA. Izda dan l-imbierek ritratt wasal ghand l-awtoritajiet u wahhluh Lm50. Hadha bi kbira ghax kulma kien qed jaghmel kien li jifrah quddiem il-patrun ta' Gorg.***

***(4) Dan mhu xejn, donnhom qabdu mieghu, tellghuh ukoll ghax kien hemm xi rapport fuq xi gazzetta li xi familjari qrib hafna tieghu qamet iccapcap fil-VIP area ta' Rahal Gdid meta t-team Furjaniz skorja kontra Sliema. Mhux sew li jhalltuh mat-team tal-Furjana, ghax b'hekk jahsbuh li hu kontra s-Sliema, u lis-Sliema*** **jhobbhom hafna** ***tant li jiddejjaq ikeccilhom players.***

***(5) Fil-fatt tghidx kemm dam jahsibha biex keccielhom zewg players fl-istess incident, anke meta kecca lil Sandru kontra l-Furjana, dam jahsibha madwar kwarta biex urieh zewg karti sofor fuq xulxin. U dan l-ahhar kecca lil Buzuttin, fejn kwazi l-karta l-hamra wehlitlu ghax kontra qalbu harigha. Imbaghad, ha nghiduha kif inhi, Buzuttin m'ghadux fin-Nazzjunal, ghax kieku zgur li ma kienx ikeccih. Ghax Fredu habib sew mal-players li jittrenjaw man-Nazzjunal. Tinsiex li dejjem jitrenja maghhom.***

***(6) Barra dan, mar irreffja barra minn Malta u tawh puntegg (6) li jfisser li kwazi ahjar ma mar xejn. Insomma kollox gej kontrih Fredu r-referee.***

Ghalkemm, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, wiehed ma jistax jistahba wara l-paraventu tas-satira biex jimmalafama lil dak li jkun, mill-banda l-ohra Qorti ghandha tkun ferm attenta li ma tarax malafama fejn kullma jkun hemm huwa semplicement kumment jew espressjoni ta' opinjoni fuq fatti li huma essenzjalment veri. Huwa veru li xi kultant huwa ferm difficli li wiehed jiddifferenzja bejn il-fatti u l-kummenti -- f'dan il-kuntent din il-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafi 704 sa 706 tat-tmien edizzjoni ta' *Gatley on Libel and Slander* [1]-- pero` jekk il-fatt li huwa l-bazi tal-kumment ikun sostanzjalment veru u l-kumment ma jmurx lil hinn minn dak li huwa ragjonevoli fic-cirkostanzi, wiehed ma jistax, bhala regola, jitkellem dwar malafama. Huwa dejjem rimess, naturalment, ghall-gudizzju prudenti tal-Qorti, li tara fil-kaz konkret jekk gewx oltrepassati l-limiti tal-"fair comment". Fil-kaz in dizamina ghandha referee tal-futbol li certament jista' jigi kritikat, u anke kritikat b'mod iebes, ghad-decizzjonijiet tieghu, u kemm-il darba dik il-kritika ma toltrepassax dak li hu legittimu fil-kamp ta' dan l-isport (jew ta' l-isport in generali) tali kritika ma ghandhiex titqies bhala libelluza jew malafamanti.

Kif tajjeb ukoll osservat l-ewwel Qorti, il-fatti li jissemmew fl-artiklu huma sostanzjalment veri – il-fatt li ghamel rapport lill-Kunsill ta' l-MFA dwar glieda, li kien strumentali biex persuna tintbghat il-habs fuq tentattiv ta' korruzzjoni, li wehel hamsin lira, etc. Skond id-deposizzjoni ta' l-attur, moghtija quddiem l-ewwel Qorti fil-25 ta' Mejju, 1998 (u li din il-Qorti tosserva li giet traskritta b'mod infelici hafna, b'hafna sentenzi jispiccaw b'puntini ghax evidentement dak registrat fuq it-*tape* ma kienx jiftiehem) tnejn huma l-ilmenti tieghu dwar dana l-artiklu: l-ewwel ilment hu li l-artiklu jghid (jew jimplika?) li hu lahaq fejn lahaq bhala *referee* bil-ghajnuna ta' l-Avukat Dott. George Abela ghax

---

[1] Sweet & Maxwell (London), 1981, pagni 298, 299.

b'dak li ghamel hu (l-attur) ghamel "impatt" fuq l-imsemmi Avukat meta dan kien President tal-Malta Fottball Association; it-tieni l-ment hu li gie impingi bhala li "jzomm" mal-Furjana u allura jiffavorixxi lil dan it-*team* kontra *teams*.

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tarax kif jista jinghad li l-artiklu, jew ahjar l-ewwel paragrafu tieghu, jista' b'xi mod "jimplika" li l-attur lahaq fejn lahaq bil-ghajnuna ta' l-Avukat Dott. George Abela ghax hu (l-attur) kien ghamel "impatt" fuq l-imsemmi avukat, minflok fuq il-merti tieghu bhala arbitru kapaci. Pjuttost din il-Qorti tara li l-implikazzjoni hija li l-attur kien beda "tielgha s-sellum tas-successi" ghax kien irraporta lil minn ipprova jikkorrompih u li ghalhekk huwa bniedem onest u integerrimu. Kwantu ghall-allegazzjoni li f'xi loghba partikolari zamm ma' naha ghax sabha difficli li johrog il-karta s-safra jew dik hamra, din certament hija opinjoni (u kritika) li tista' legittimament issir lil kwalsiasi arbitru ta' attivitajiet sportivi. Fl-artiklu in kwistjoni ma hemm xejn li jeccedi l-limitu ta' dak li hu accettabbli fil-kamp sportiv. Ma hemm ebda allegazzjoni, per ezempju, ta' motivi ulterjuri jew ta' korruzzjoni jew ta' xi haga ohra simili.

Kollox ma kollox, ghalhekk, din il-Qorti tara li ma kien hemm xejn libelluz fl-artiklu in kwistjoni, u li konsegwentement it-tieni aggravju ta' l-appellant (kif ukoll l-eccezzjoni moghtija quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad) hu fondat. Stabbilit dan, ma hemmx ghalfejn li l-Qorti tezamina l-aggravji l-ohra.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti tal-"fair comment", tirrespingi t-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM-------------------------------